# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D.

**Appell Nru: 237/2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jason Baldacchino**

Illum 6 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jason Baldacchino, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 480281M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-11 ta' April, 2010, ghall-hin ta' bejn nofsinhar u s-siegha neqsin kwart ta' waranofsinhar, fi Triq is-Siggiewi, Haz-Zebbug:

1. Gieghel, halla jew ippermetta li l-vettura bil-mutur jew vettura ohra tieghu, u *cioe'*, trakk bin-numru ta' registrazzjoni numru DAJ 696, tinstaq minn persuna li ma kellhiex il-licenzja mehtiega, u *cioe'*, lil huh, Rosman Baldacchino, biex isuq vettura bil-mutur jew vettura ohra, u *cioe'*, l-istess vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 696;

2. U aktar, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, gieghel jew halla persuna ohra, u *cioe'*, lil huh, Rosman Baldacchino, juza vettura bil-mutur fit-toroq, u *cioe'*, trakk bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 696, kemm –il darba, ghall-uzu tal-vettura, minnu jew minn dik il-persuna, skond il-kaz ma kienetx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

3. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien rigward l-istess cirkostanzi halef il-falz quddiem l-espert tal-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Mejju, 2013, fejn il-Qorti, sabet lill-imputat Jason Baldacchino, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lill-imputat Jason Baldacchino ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija, u ordnat li din is-sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh, hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin mill-lum, l-imputat Jason Baldacchino jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3 (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-imputat Jason Baldacchino milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

*Inoltre*, l-Qorti, a tenur tal-artikolu 109 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mponiet fuq l-imputat Jason Baldacchino, interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-imsemmi Jason Baldacchino jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati ta' gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun u dan ghal zmien hames snin.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat Jason Baldacchino sabiex fi zmien sitt xhur ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tlett elef, hames mija u tlieta u sebghin Ewro, u sebghin centezmi tal-Ewro (€3,573.70), rapprezentanti spejjez inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-inkjesta li l-*Process Verbal* taghha jinsab inserit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB 1.

Finalment, il-Qorti tat lill-imputat Jason Baldacchino, l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2013, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u timponi piena gusta u ekwa ghal kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jason Baldacchino huma s-segwenti w *cioe'*:-

Illi b'kull rispett, l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet tinfliggi piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, u dan peress illi l-piena massima ta' prigunerija li setghet tigi nflitta ghar-reati *de quo* tenut kont tal-konkors tar-reati u l-pieni, *ai termini* tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 9, kien dak ta' sena u tlett xhur prigunerija, u ghaldaqstant, il-Qorti qatt ma setghet tinfliggi xi piena li tmur *oltre* dan il-massimu kontemplat mill-ligi, anke jekk sussegwentement issospendiet l-istess terminu ta' prigunerija;

Illi ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma t-terminu ta' prigunerija nflitta, kif ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi, tirriforma wkoll it-terminu tal-perjodu operattiv u li gie impost;

Fit-tieni lok, l-esponent umilment jirrileva b'referenza ghal kundanna ghall-hlas tal-ispejjez dwar l-esperti, certament illi huwa m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-hlas tal-istess ammont peress illi l-inkjesta tikkoncerna fatti, (inkluz il-mewt ta' persuna), illi ma jikkoncernawx lill-esponent, u f'kull kaz sussidarjament u minghajr pregudizzju, l-esponent m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-istess spejjez fl-intier taghhom, izda, fl-aghar ipotezi biss, frazzjoni tal-istess ammont *stante* illi tressqu l-Qorti persuni ohra akkuzati b'reati dwar fatti rizultanti mill-istess inkjesta;

Illi ghal kull *buon fini*, ghal dawn ghar-ragunijiet kollha, u ghal ragunijiet ohra li ser jirrizultaw mit-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-piena nflitta hija esagerata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti, li fil-fehma tal-appellant kienet wahda mhux biss oneruza izda li tmur oltre l-parametri tal-ligi.

Illi l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal terminu ta' erba' snin.  Din il-Qorti regghet harset lejn l-artikoli tal-ligi ndikati mill-ewwel Qorti

u hi tal-fehma  li l-ewwel Qorti harget barra mill-parametri tal-ligi u ghalhekk ikun xieraq li l-piena tal-appellant tigi mnaqqsa skont il-ligi.

Illi aggravju iehor mressaq mill-appellant jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti a bazi tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ordnat lill-appellant biex ihallas l-ispejjez kollha nkorsi f'dan il-kaz.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-ispejjez li kellu jhallas l-appellant ghandhom ikun ta' hamsin fil-mija tat-total ghas-semplici fatt li hemm procedura ohra li ghandha x'taqsam ma dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa l-appell ta' Jason Baldacchino fis-sens li qed timmodifika s-sentenza appellata kif gej. Il-piena ta' prigunerija erogata ghandha tkun ta' sena prigunerija sospiza ghal perjodu ta' sentejn.  Illi a bazi tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-appellant ghandu jhallas is-somma ta' elf u tmien mitt euro (€1,800).  Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza dwar l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ta' l-appellant.